MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 30/2009

**Paul Galea**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxi Interni)**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Paul Galea fit-3 ta’ Lulju 2002 permezz ta’ liema jitlob li in segwitu ghad-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 28 ta’ Mejju 2002 u l-konsegwenti Likwidazzjoni tat-Taxxa mahruga kontra tieghu fit-30 ta’ Mejju 2002, il-kaz tieghu jerga’ jigi kkunsidrat mill-gdid ghall-fini li huwa jhallas taxxa biss jekk tkun verament dovuta minnu u xejn aktar;

Ra d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 28 ta’ Mejju 2002 u l-ittra ta’ l-Avukat Dottor Mark Busuttil ghan-nom tar-Rikorrent datata 5 ta’ Gunju 2002, entrambe annessi mar-Rikors promotur;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta’ liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li id-decizjoni tieghu tat-28 ta’ Mejju 2002 u l-konsegwenti Likwidazzjoni tat-Taxxa huma gusti u jimmeritaw konferma;

Ra d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni flimkien mar-Risposta markati Dok. “A” sa’ Dok. “D” a fol. 11 sa’ 15 tal-process;

Ra illi waqt is-seduta tat-18 ta’ Gunju 2010 il-partijiet kontendenti qablu li l-provi migburin f’din il-kawza japplikaw ghall-kawza fl-ismijiet “Mario Bugeja v. Direttur Generali (Taxxi Interni)” Rik. Nru. 29/09[1]. Ra li dan l-istess verbal sar fl-imsemmija kawza “Mario Bugeja v. Direttur Generali (Taxxi Interni)” Rik. Nru. 29/09;

Ra u kkonsidra x-xhieda ta’ Mario Bugeja moghtija quddiem il-Bord ta’ Kummissarji Specjali waqt is-seduti tal-21 ta’ April 2004 u ta’ l-14 ta’ Dicembru 2004 u ra d-dokumenti esebiti minnu waqt is-seduta tal-21 ta’ April 2004 fl-atti tal-kawza “Mario Bugeja v. Direttur Generali (Taxxi Interni)” Rik. Nru. 29/09 markati Dok. “MG1” sa’ Dok. “MG5” a fol. 23 sa’ 29 ta’ dak il-process, ra u ikkonsidra x-xhieda tar-Rikorrent moghtija quddiem il-Bord ta’ Kummissarji Specjali waqt is-seduta ta’ l-14 ta’ Dicembru 2004, sema’ x-xhieda tal-Perit Alex Buontempo moghtija fl-atti tal-kawza fl-ismijiet “Mario Bugeja v. Direttur Generali (Taxxi Interni)” Rik. Nru. 29/09 waqt is-seduta ta’ l-14 ta’ Marzu 2011, ra d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. “CSD1” u Dok. “CSD2” permezz ta’ Nota pprezentata fis-16 ta’ Marzu 2011 a fol. 45 sa’ 47 tal-process, sema’ x-xhieda ta’ Ivan Portelli in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni moghtija fl-atti tal-kawza fl-ismijiet “Mario Bugeja v. Direttur Generali (Taxxi Interni)” Rik. Nru. 29/09 waqt is-seduta tas-26 ta’ Jannar 2012, ra d-dokument esebit minn Mario Bugeja fl-atti tal-kawza fl-ismijiet “Mario Bugeja v. Direttur Generali (Taxxi Interni)” Rik. Nru. 29/09 permezz

[1] Originarjament l-okkju tal-proceduri kien “Mario Bugeja v. Kummissarju tat-Taxxi Interni”.

ta' Nota pprezentata fil-15 ta' Marzu 2012 a fol. 69 sa' 73 ta' dak il-process;

Ra li b'Digriet moghti fil-15 ta' Marzu 2012 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri u kull fejn mehtieg fl-atti tal-kawza fis-sens illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigi indikat bhala "Il-Kummissarju tat-Taxxi";

Ra r-Rapport ta' l-Assistent tat-Tribunal il-Perit Elena Borg Costanzi;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent qed jikkontesta decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 28 ta' Mejju 2002 u l-konsegwenti Likwidazzjoni tat-Taxxa mahruga kontra tieghu fit-30 ta' Mejju 2002, li bihom l-istess Kummissarju jesigi minghand ir-Rikorrent il-hlas ta' taxxa pura ulterjuri fl-ammont ta' Lm315 u taxxa addizzjonali fl-ammont ta' Lm3,150 in konnessjoni ma' l-akkwist ta' proprjetà immobbli – senjatament nofs indiviz ta' plots numri 14,15 u 16 formanti parti mit-territorju mahruf bhala "Ta' Zilfa" fi triq gdida accessibbli minn Triq San Tumas, fil-limiti ta' Hal-Tarxien, tal-kejl komplessiv ta' 538m.k. – bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja datat 6 ta' Gunju 1994, u dana stante li skontu l-valur taxxabbli tal-proprjetà akkwistata mir-Rikorrent huwa ta' Lm19,500 iktar minn dak dikjarat fil-kuntratt ta' l-akkwist. Ir-Rikorrent jibbaza l-kontestazzjoni tieghu ghad-decizjoni u konsegwenti Likwidazzjoni tat-Taxxa tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq l-aggravji li: (a) l-ammont indikat fil-kuntratt ta' l-akkwist huwa l-ammont veru u jirrifletti l-valur tas-suq tal-plots in kwistjoni; (ii) il-valur tal-plots huwa dettat mill-fatt li originarjament dawn il-plots kienu barrieri u kienu wkoll soggetti ghal dhul ta' ilma.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni da parte tieghu jikkontendi li d-decizjoni u konsegwenti Likdiwazzjoni tat-Taxxa

mahruga kontra r-Rikorrent huma gusti u jimmeritaw konferma u ghaldaqstant it-talba tar-Rikorrent ghandha tigi michuda.

Qabel ma jidhol fil-meritu tal-proceduri t-Tribunal iqis li jkun opportun li ssir korrezzjoni ulterjuri fl-okkju ta’ dawn il-proceduri u kull fejn mehtieg fl-atti, sabiex jigu debitament riflessi l-partijiet li ghandhom interess f’din il-kawza u fir-rigward ta' min is-sentenza ghandha taghmel stat. Originarjament dawn il-proceduri kienu gew istitwiti fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni izda in segwitu ghall-promulgazzjoni ta’ l-Att XXII ta’ l-2011 u pubblikazzjoni ta’ l-Avviz Legali 16 ta’ l-2012, b’Digriet datat 15 ta’ Marzu 2012 saret korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni gie indikat bhala Kummissarju tat-Taxxi. Madanakollu però b’Ordni ta’ Delega ta’ Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap. 517 tal-Ligijiet ta’ Malta, ippubblikat fil-harga tal-Gazzetta ta-Gvern ta’ l-20 ta’ Lulju 2012, gie provdut illi *skond is-setghat moghtija mis-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 3 ta’ l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi bi qbil tal-Ministru responsabbli ghal finanzi, qieghed hawn jiddelega d-drittijiet, id-doveri, is-setghat u l-funzjonijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu mis-subartikolu (5) ta’ l-artikolu 3 ta’ l-imsemmi Att, hawn aktar ‘il quddiem imsejhin “id-drittijiet”, kif gej: (a) id-drittijiet taht l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, l-Att dwar il-Monte di Pietà, l-Ordinanza dwar Haddiema d-Deheb u Haddiema l-Fidda (Argentiera), l-Att dwar l-Akkwist ta’ Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, u kull regolament maghmul tahtom, ghandhom ikunu vestiti fl-ufficjal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta’ Direttur Generali (Taxxi Interni). … Din l-Ordni u d-delegi maghmula tahtha ghandhom issehhu b’sehh mill-20 ta’ Jannar 2012.*

Ai termini ta' l-Artikolu 3(5) tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta *il-Kummissarju ghandu jkollu r-rapprezentanza legali u giudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti giudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-gbir ta' taxxa u*

*ma' kull kwistjoni ohra li id-dipartimenti tat-taxxa jkollhom interess fiha, kemm-il darba dik ir-rapprezentanza ma tkunx giet delegata skond is-subartikolu (4).* Mill-precitat Ordni però johrog car li b'effett mill-20 ta' Jannar 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi ddelega din ir-rapprezentanza giudizzjajra in kwantu rigwarda fost ohrajn taxxa li ghandha tingabar taht u kwistjonijiet ohra nascenti mill-Att dwar it-Taxxa Fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, lid-Direttur Generali (Taxxi Interni). Ghalhekk bis-sahha ta' dik l-Ordni l-interessi tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-proceduri in ezami *qua* l-awtorità pubblika intimata, illum jinsabu vestiti fid-Direttur Generali (Taxxi Interni), b'dana li huwa d-Direttur Generali (Taxxi Interni) li ghandu jigi kkunsidrat bhala l-awtorità pubblika intimata minflok il-Kummissarju tat-Taxxi.

F'dan ir-rigward jigi ulterjorment osservat illi ai termini tar-Regolament 2 ta' l-Avviz Legali 173 ta' l-2012 – Regolamenti ta' l-2012 dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa – *il-kliem imnizzel fl-ewwel Kolonna ta' l-iSkeda ghandu, f'kull att gudizzjarju jew azzjoni giudizzjarja u f'kull kommunikazzjoni notifikata jew indirizzata lil xi dipartiment tat-taxxa u f'kull kommunikazzjoni mibghuta minn xi dipartiment tat-taxxa, jitqies li huwa ekwivalenti u li ghandu l-istess tifsira u effetti legali bhall-kliem imnizzel fl-istess partita fit-tieni Kolonna ta' l-iSkeda dan b'mod illi l-kliem uzat fiz-zewg kolonni ta' l-istess partita ghandu jkollu l-istess tifsira u effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi.* B'hekk skond l-iSkeda ta' dawk ir-Regolamenti l-kliem jew ahjar desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi Interni" hija ekwivalenti ghad-desinjazzjoni "Direttur Generali (Taxxi Interni)".

Fil-kaz in ezami però bid-Digriet tal-15 ta' Marzu 2012 l-intimat gie indikat bhala Kummissarju tat-Taxxi u ghalhekk il-principju ta' l-ekwivalenza appena imsemmi ma jistax jigi applikat. B'hekk sabiex dawn il-proceduri jkunu effettivament jirriflettu l-partijiet li attwalment ghandhom interess fihom u jaghmlu stat fil-konfront ta' l-awtorità pubblika li ghandha tirrispondi ghat-talbiet tar-Rikorrent jehtieg li ssir korrezzjoni ulterjuri fl-okkju u kull fejn

mehtieg fl-atti tal-kawza fis-sens illi id-desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi" tigi kancellata u sostitwita bid-desinjazzjoni "Direttur Generali (Taxxi Interni)".

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa jigi trattat il-mertu tal-proceduri odjerni li kif inghad huwa bbazat fuq zewg fatturi centrali: il-valur dikjarat fil-kuntratt ta' trasferiment fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja datat 6 ta' Gunju 1994, huwa skond ir-Rikorrent il-valur reali tal-plots akkwistati minnu u minn Mario Bugeja u jirrifletti l-valur fuq is-suq ta' l-imsemmija plots fiz-zmien ta' l-akkwist u, dejjem skond ir-Rikorrent, il-valur tal-plots huwa dettat mill-fatt li l-istess plots originarjament kienu barrieri u kienu soggetti ghad-dhul ta' ilma.

Mill-atti processwali jirrizulta li in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja datat 6 ta' Gunju 1994, ir-Rikorrent u Mario Bugeja[2] kienu xtraw, in kwantu ghal nofs indiviz kull wiehed, il-plots numri 14, 15 u 16 formanti parti mit-territorju mahruf bhala "Ta' Zilfa" fi triq gdida accessibbli minn Triq San Tumas, fil-limiti ta' Hal-Tarxien, tal-kejl komplessiv ta' 538m.k., u dana versu l-prezz komplessiv ta' **Lm30,000**. Fix-xhieda li ta waqt is-seduti tal-21 ta' April 2004 u ta' l-14 ta' Dicembru 2004, Mario Bugeja ikkonferma li l-prezz tal-plots in kwistjoni kien dettat mill-fatt illi l-istess plots originarjament kienu barriera u li kienu wkoll soggetti ghad-dhul ta' ilma. In sostenn ta' din l-ahhar affermazzjoni Mario Bugeja esebixxa fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Mario Bugeja v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" Rik. Nru. 29/09 zewg ritratti markati Dok. "MG2" u Dok. "MG3" a fol. 24 u 25 ta' dak il-process li juru d-dhul ta' ilma fil-plots akkwistati minnu u minn Paul Galea. Dak affermat minn Mario Bugeja gie in effetti kkonfermat mir-Rikorrent Paul Galea li waqt is-seduta ta' l-14 ta' Dicembru 2004 iddikjara li *nixtieq nghid illi m'inhix cert jekk meta gie l-Perit* [imqabbad mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni] *konniex diga haffirna jew le l-plot in kwistjoni. Nispjega illi dawn ix-xoghlijiet biex nghid hekk preliminari li kienu saru kienu jinvolvu tindif, thammil ta' l-ilma, thaffir u tindif tal-materja,*

---

2 Ir-Rikorrent fil-proceduri fl-ismijiet "Mario Bugeja v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" Rik. Nru. 29/09.

*u nghid ukoll illi kellna nippumpjaw l-ilma peress illi hemmhekk irrizulta li kien hemm problema ghaliex l-ilma kien il-hin kollu gej*.

Da parte tieghu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), jikkontendi li l-valur fuq is-suq tal-plots mertu tal-kontestazzjoni huwa dak komplessiv ta' **Lm39,000** kif stmat mill-Perit Alex Buontempo, liema valur gie minnu ikkonfermat anke wara li saret oggezzjoni mir-Rikorrent ghall-ewwel Likwidazzjoni tat-Taxxa mahruga kontra tieghu.

Waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2011 il-Perit Buontempo xehed[3] dwar kif wasal ghall-istima tal-plots in kwistjoni u fuq liema konsiderazzjonijiet ibbaza tali stima tieghu: *ghal skopijiet ta' valutazzjoni jiena hadt in konsiderazzjoni d-dettalji kollha koncernanti dawn it-tlett plots. Fil-fatt kienu tlett plots fabbrikabbli ta' kejl komplessiv ta' 538 metru kwadru. Kull wahda minnhom kellha tliet qasab faccata u disghin pied fond. It-tlett plots kienu f'zona ta' bini madanakollu vicin hafna taghhom kien hemm farm. Naf ukoll li fil-kwistjoni ta' dawn it-tlett plots ma nafx jekk hux kull wahda minnhom jew jekk huwa wahda minnhom biss, kien hemm barriera. Jiena kont uzajt ir-rata ta' Lm72 kull metru kwadru. Jiena kont konservattiv ghall-valur li uzajt ghar-raguni li hemm farm vicin ta' dawn l-artijiet li naturalment iwaqqa' l-prezz. Fl-area fejn kienu jinsabu dawn il-plots ma kienx hemm l-obbligu li tithalla front garden, jigifieri l-plots setghu jinbnew kollha. Nikkonferma li fl-oggezzjoni tat-taxpayer kien hemm li l-art in kwistjoni kienet barriera. Jiena din gja semmejtha fix-xhieda tieghi u fil-fatt nikkonferma li kont hadtha in konsiderazzjoni l-ewwel darba li mort naghmel spezzjoni. Fil-fatt ix-xhieda li tajt qed naghtiha mid-dokument u mid-dettalji li jiena hadt fl-ewwel spezzjoni u mhux fit-tieni wahda. Qed nigi muri minuta numru 29 fil-file tad-dipartiment li ggib id-data 11 ta' Marzu 1997. Jiena nikkonferma li hemmhekk kont rajt l-oggezzjoni u kont ikkonfermajt l-ewwel valutazzjoni tieghi u r-raguni kienet kif hemm imsemmi fil-minuta li gja kont hadt in konsiderazzjoni li l-art in kwistjoni kienet barriera.*

---

[3] Fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Mario Bugeja v. Direttur Generali (Taxxi Interni)" Rik. Nru. 29/09.

*Fl-oggezzjoni hemm ukoll indikat xi xoghol ta' excavations u nghid fil-fatt meta ghamilt l-ewwel spezzjoni fil-31 ta' Awwissu 1995, ix-xoghlijiet tal-kostruzzjoni attwali tal-garaxxijiet. Fil-fatt ma nistax nghid jekk hammluwhiex jew jekk ghamluhiex ground floor dawn il-garages. Madanakollu nerga' ntenni li jiena f'dik l-ispezzjoni gja kont naf li l-art kienet ghall-inqas in parti barriera. Qed nigi mistqosi jekk jiena niftakarx illi rajt l-art li kienet barriera nghid li ghalkemm ghandi dan in-notament jiena ma nistax niftakar jekk rajthiex li kienet barriera jew le. Qed nigi mistoqsi jekk jiena hadtx in konsiderazzjoni ix-xoghlijiet involuti biex il-barriera tintela halli l-art issir fabrikabbli jiena nerga' intenni li r-rata li wzajt kienet ta' Lm72 kull metru kwadru mentri dawk iz-zmien ir-rati kienu bejn Lm100 u Lm110 kull metru kwadru. Id-diskrepanza fil-valur kienet dettata principalment billi l-artijiet kienu vicin ta' farm però hadtha anki in konsiderazzjoni tal-fatt li l-art kienet barriera. Mill-esperjenza vasta li ghandi llum nista' nghid li attwalment il-fatt illi proprjetà tkun barriera din tgholli l-valur u mhux tnaqqsu. Qed nigi mistoqsi kif nirrikoncilja dan il-fatt mal-fatt illi r-rikorrenti nefqu Lm9,000 biex imlew il-barriera halli jkunu jistghu jibdew jibnu, nghid li l-ghazla li ma jintuzax is-sottoterran gja ezistenti tal-barriera tkun ghazla ta' l-individwu personali. Irrid nghid li kieku l-art in kwistjoni ma kienetx barriera, il-valutazzjoni tieghi kienet tghola mill-anqas Lm15,000 ohra. Qed nigi mistoqsi jekk jiena hadtx in konsiderazzjoni l-fatt li f'din il-barriera kien hemm tnixxija ta' ilma w allura ma setax jintuza sottoterran, nghid li jiena fid-dokumenti tieghi m'ghandi mnizzel xejn f'dan ir-rigward*. *Fuq domanda tat-Tribunal jekk jiena ghandix amment li kien hemm din il-problema tat-tnixxigha ta' ilma nghid li normalment id-dettalji kollha li jaghtuni l-individwi jiena nizzilhom fin-notamenti u f'dan il-kaz m'ghandix notament f'dan il-rigward*.

Minn din ix-xhieda johrog car li l-valutazzjoni tal-Perit Buontempo tat-tlett plots mertu tal-kontestazzjoni kienet ibbazata principalment fuq il-fatt li fil-vicinanzi ta' l-imsemmija plots hemm farm u marginalment fuq il-fatt li l-plots, jew parti minnhom, originarjament kienu barriera. Jirrizulta wkoll li l-Perit Buontempo ma hax in

konsiderazzjoni l-fatt li dawn il-plots kienu soggetti ghad-dhul ta' l-ilma. Fil-fehma tat-Tribunal però fil-konsiderazzjonijiet tieghu sabiex jistabilixxi l-valur fuq is-suq tal-plots mertu tal-kontestazzjoni fiz-zmien ta' l-akkwist, il-Perit Buontempo naqas milli jiehu konjizzjoni u jikkonsidra **c-cirkostanzi kollha li jolqtu l-proprjetà** kif inhu specifikatament rikjest fil-Ligi, senjatament fir-Regolament 3(2) tar-Regolamenti dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, Legislazzjoni Sussidjarja 364.06.

Jibda biex jigi osservat li l-Perit Buontempo ggustifika l-fatt li huwa ha konjizzjoni biss marginali tal-fatt li l-plots in kwistjoni originarjament kienu barriera in bazi ghall-affermazzjoni li *mill-esperjenza vasta li ghandi llum nista' nghid li attwalment il-fatt illi proprjetà tkun barriera din tgholli l-valur u mhux tnaqqsu*. Fil-fehma tat-Tribunal però din l-affermazzjoni hija *a generic sweeping statement* li ma giex sostanzjat b'mod tangibbli mill-imsemmi Perit u hija opinjoni jew fehma jew addirittura gustifikazzjoni ghall-istima maghmula li giet maturata matul is-snin u mhux wahda li l-Perit jidher li applika fil-konsiderazzjonijiet li ghamel fiz-zmien rilevanti meta spezzjona w ivvaluta l-istess proprjetajiet. In verità l-Perit Buontempo ma ta l-ebda spjegazzjoni sodisfacenti ghalfejn huwa qies biss b'mod marginali l-fatt li l-plots in kwistjoni originarjament kienu barriera u ghalhekk it-Tribunal itenni li l-Perit naqas milli debitament jikkonsidra c-cirkostanzi kollha li jolqtu l-proprjetà mertu tal-kontestazzjoni.

Il-fatt li l-Perit naqas milli jaghti d-debita konsiderazzjoni ghal dan il-fatt partikolari wassal biex ma giex minnu kkunsidrat fattur iehor li huwa ferm importanti fil-kuntest ta' l-istat tal-plots meritu tal-kontestazzjoni, u cioè il-fatt li dawn l-istess plots kienu soggetti ghal dhul ta' ilma. Il-Perit jghid li dan il-fatt qatt ma ngieb a konjizzjoni tieghu mill-akkwirenti u kien ghalhekk illi ma ikkunsidrahx. Dato ma non concesso li dan seta' kien il-kaz, it-Tribunal illum xorta wahda ghandu jiehu tali fatt in konsiderazzjoni kemm-il darba dan jirrizulta debitament u sodisfacentement u jirrizulta wkoll li l-istess jimpingi fuq il-valur tal-plots in kwistjoni.

Fil-fehma tat-Tribunal ir-Rikorrent irenxxielu, tramite x-xhieda ta’ Mario Bugeja, jipprova b’mod sodisfacenti l-fatt li l-plost akkwistati minnu u l-istess Mario Bugeja kienu soggetti ghal dhul ta’ ilma u dana permezz ta’ zewg ritratti, Dok. “MG2” u Dok. “MG3” a fol. 24 u 25 tal-process tal-kawza fl-ismijiet “Mario Bugeja v. Direttur Generali (Taxxi Interni)” Rik. Nru. 29/09, esebiti minnu waqt is-seduta tal-21 ta’ April 2004, li appuntu kjarament juru li l-plots akkwistati mir-Rikorrent flimkien mieghu kienu effettivament soggetti ghad-dhul ta’ ilma. Li dan il-fattur jimpingi fuq il-valur tal-proprjetà jirrizulta mir-Rapport ta’ l-Assistent tat-Tribunal il-Perit Elena Borg Costanzi li in bazi *inter alia* ghall-konsiderazzjoni li *l-fond jikkonsisti minn tlett plots ta’ kwazi 21 pied wiesgha u madwar 94 pied fond kull plot (mill-process doc. 73). Il-fond huwa liberu u frank u jifforma parti minn zona li kienet soggetta ghal dhul ta’ ilmijiet, skond ir-ritratti illi hemm fil-process (doc 24,25)*, stmat il-plots in kwistjoni ghall-valur ta’ €25,000-il wahda ossia ghall-valur komplessiv ta’ €75,000, ekwivalenti ghal **Lm32,197.60**.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat u partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-Perit Alex Buontempo naqas milli jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha li jolqtu l-plots mertu tal-kontestazzjoni ghall-fini li jistabilixxi l-valur fuq is-suq ta’ l-istess plots fiz-zmien ta’ l-akkwist, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-valur fuq is-suq ta’ l-imsemmija plots fiz-zmien ta’ l-akkwist huwa dak stmat mill-Perit Borg Costanzi u cioè il-valur ta’ **Lm32,197.60**.

Meta l-valur determinat mill-Perit Elena Borg Costanzi bhala l-valur fuq is-suq tal-plots mertu tal-kontestazzjoni fiz-zmien ta’ l-akkwist u l-valur dikjarat fil-kuntratt ta’ trasferiment fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja datat 6 ta’ Gunju 1994 jigu ikkunsidrati fid-dawl tal-provvedimenti tal-Ligi kif applikabbli fiz-zmien ta’ l-akkwist jirrizulta li r-Rikorrent ma kellux ikun assoggettat ghal stima mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in bazi ghal tali provvedimenti tal-Ligi.

Ghaldaqstant jirrizulta li l-kontestazzjoni tar-Rikorrent ghad-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 28 ta' Mejju 2002 u l-konsegwenti Likwidazzjoni tat-Taxxa mahruga kontra tieghu fit-30 ta' Mejju 2002, hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi: (i) fl-ewwel lok jordna korrezzjoni ulterjuri fl-okkju u kull fejn mehtieg fl-atti tal-kawza fis-sens illi id-desinjazzjoni "Kummissarju tat-Taxxi" tigi kancellata u sostitwita bid-desinjazzjoni "Direttur Generali (Taxxi Interni)", biex b'hekk l-okkju tal-proceduri jkun jirrifletti l-awtorità pubblika li attwalment ghandha tirrispondi ghat-talbiet tar-Rikorrent; u (ii) fit-tieni lok jilqa' l-appell interpost mir-Rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 28 ta' Mejju 2002 u l-konsegwenti Likwidazzjoni tat-Taxxa mahruga kontra tieghu fit-30 ta' Mejju 2002, u jirrevoka u jannulla l-istess imsemmija decizjoni u Likwidazzjoni.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mid-Direttur Generali (Taxxi Interni).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------